# IS-46 KUNGRESS DJOĊESAN TAX-XIRKA TA' L-ISEM IMQADDES T'ALLA

Bit-tema prinċipali: "L-Isem ta' Ġesu' Kristu jkun imsebbaħ fikom u intom fih" (2 Tess. 1, 12), inżamm is-46 Kungress Djoċesan tax-Xirka ta' l-Isem Imqaddes t'Alla, fil-parroċċa ta' Sannat. L-attivitajiet kienu mifruxa fuq ħdax-il jum qabel ma sar l-għeluq tal-Kungress nhar il-Ħadd 26 t'April 2009.

Il-programm ta' attivitajiet beda billi membri minn għaqdiet kattoliċi tal-parroċċa ħadu sehem fir-reċita tar-rużarju li ġie mxandar dirett fuq ir-Radju RTK mis-Santwarju ta' Pinu bi tħejjija għal dan il-Kungress. Is-Sibt, 18 t'April sar Korteo li telaq minn ħdejn il-Museum tas-Subien għall-knisja tal-parroċċa ta' Sannat, fejn saret konċelebrazzjoni mmexxija mic-Chaplain Djoċesan t'Għawdex, Mons. Ewkaristiku Sultana. Fil-jiem ta' wara saru diversi żjajjar fl-iskejjel t'Għawdex, fosthom fil-Kulleġġ Għawdxi tal-Primarja Sannat. Matul il-ġranet ta' preparazzjoni għal dan is-46 Kungress ma naqsux ukoll iż-żjajjar fil-ħwienet u l-każini, kif ukoll il-visti lill-morda u anzjani tal-parroċċa u xejn anqas iż-żjajjar fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex. Membri tax-Xirka ta' l-Isem Imqaddes t'Alla żaru wkoll l-għaqdiet reliġjużi tal-parroċċa fejn hemmhekk għamlu l-messaġġ tagħhom. Jumejn qabel l-għeluq tal-Kugress, nhar il-Ġimgħa 24 t'April 2009 inżammet ġurnata ta' sawm u adorazzjoni bi tpattija għad-dagħa li jsir. Lejliet il-Kungress fit-8.30p.m. saret quddiesa u wara tkompla lejl adorazzjoni. Diversi membri tax-xirka u ħadu sehem fi programmi tar-radjijiet tal-Komunita' f'Għawdex.



Is-46 Kungress fil-parroċċa ta' Sannat laħaq il-qofol tiegħu nhar is-26 t'April 2009. Fit-8.30a.m. saret Konċelebrazzjoni mmexxija minn Mons. Isqof Mario Grech li ġiet imxandra direttament fuq Radju RTK. Dak inhar, korteo mmexxi mill-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex telaq fil-5.00p.m. minn ħdejn l-Iskola Primarja għall-Pjazza Santa Margerita. Ħadu sehem fil-korteo il-Victoria Scout Group, l-istatwa tar-Ragħaj it-Tajjeb merfugħa miż-żgħażagħ u il-Banda Santa Margerita V.M. li akkumpanjat il-korteo bid-daqq ta' innijiet tax-Xirka, il-fratelli u l-Arċiprieti u l-Kappillani tal-parroċċi ta' Għawdex, saċerdoti u reliġjużi u l-Kumitat tax-Xirka Djoċesan, parruċċani wara l-bandalori tal-parroċċi rispettivi tagħhom. Ħadu sehem ukoll l-ushers li għenu lill-parteċipanti jimxu bl-ordni matul it-triq, waqt li l-animaturi kienu Ġuża Cardona u Georgina Gauci.

Fi Pjazza Santa Margerita, mżejna tassew sabiħ għall-okkażjoni, il-parteċipanti kollha ħadu posthom bil-qegħda. Quddiem iz-zuntier tal-Knisja Parrokkjali ħadu posthom fin-nofs nies mistiedna distinti. Fuq iz-zuntier tal-knisja, tħejja l-altar fin-nofs filwaqt li n-naħa tax-xellug fil-pjazza fil-ġenb taz-zuntier, fuq palk ukoll kien hemm il-Kor tal-Parroċċa ta' Sannat taħt id-direzzjoni ta' Laura Rapa u Eman Curmi fuq l-orgni. Fuq iz-zuntier fin-nofs wara l-altar tpoġġiet l-istatwa tar-Ragħaj it-Tajjeb tħares lejn il-Pjazza.
Iċ-ċelebrazzjoni bdiet billi l-Arċipriet ta' Sannat il-Kan. Tarcisio Camilleri ta merħba u sellem lil dawk preżenti. L-Arċipriet enfasizza fuq il-bżonn li nilbsu lil Kristu, il-bniedem il-ġdid u ninżgħu l-bniedem il-qadim, kif igħid San Pawl. Huwa kompla jfisser kif aħna għandna nkunu responsabbli meta nirrappreżentaw lil Kristu sabiex l-isem ta' Ġesu' jkun imsebbaħ dejjem permezz ta' l-istess sentimenti li aħna għandna nilbsu dawk l-istess sentimenti li kellu Kristu. "Għalhekk qis li l-ħajja tiegħek tkun kollha pprogrammata biex l-Isem ta' Ġesu' jkompli jissebbaħ", saħaq l-Arċipriet. Kan. Tarcisio Camilleri.
Hekk kif l-Arċipriet temm id-diskors tiegħu, tkanta l-innu "Il-Kelma Tiegħek" u wara bdew jinqraw siltiet u salmi mill-Iskrittura marbuta ma' l-għożża u r-rispett li kull bniedem għandu jkollu lejn l-Isem Imqaddes t'Alla. Mons. Anton Saliba qara l-Evanġelju marbut dejjem mat-tema magħżul għal dan il-Kungress. L-Għannej tal-Mulej, Ġorġ Agius, kompla jżewwaq l-attivita' bit-tqabbil ta' kliem mimli tagħlim u twissijiet li għalih hu magħruf sew. Wara tkellem Patri Joe Vassallo O.P., Chaplain Nazzjonali. Imbagħad Mons. Isqof għamel messaġġ ta' l-okkażjoni li kien ibbażat fuq il-qari tas-silta mill-Ktieb ta' l-Eżodu. Huwa fisser kemm l-imħabba t'Alla toħroġ beraħ meta ta l-għotja tal-liġijiet lill-poplu magħżul tiegħu biex jagħmlu aktar liberu u mhux skjav kif forsi ħafna jaħsbu llum. Mons. Isqof spjega aktar ċar kif il-liġi naturali tinsab f'kull individwu, il-bogħod minn xi reliġjon partikulari, jiġifieri l-bniedem jiżbalja meta jaħseb li l-osservanza tal-liġijiet tapplika biss għal dawk li jemmnu fi Kristu. Il-President Djoċesan tax-Xirka Joseph Refalo qara "Il-Vleġġa tad-Deheb" li hi t-talba mgħallma minn Ġesu' lil Soru Karmelitana f'Tours fl-1843, bħala tpattija għad-dagħa, u ħeġġeg biex din it-talba li tqassmet waqt il-quddies fil-parroċċa tinqara kuljum. Huwa ħabbar li l-Kungress li jmiss fis-sena 2010 kien se jsir ġewwa l-parroċċa ta' l-Għarb. Waqt li kien qed jitkanta l-Innu "Nadurawk ja Ħobż tas-Sema", Dun Anton Mizzi, Vigarju Parrokkjali tal-Parroċċa ta' Sannat, kien qed jitrasporta s-Santissimu Sagrament f'purċissjoni mill-knisja għall-Pjazza. Dun Anton Mizzi espona s-Sagrament fuq l-altar li kien imħejji apposta fuq iz-zuntier tal-knisja u ta Tislima ta' Qima lil Ġesu' Ewkaristija. Qabel ingħatat il-Barka Sagramentali nqrat kollettivament it-talba ta' tifkira għal dan is-46 Kungress. Wara l-Barka inqraw l-invokazzjonijiet u ċ-ċelebrazzjoni waslet fi tmiemha bil-kant ta' l-Innu Malti.

